# X'niftakar fi Tfuliti

**kitba ta' Lino Wettinger**



Hawn ser insemmi xi affarijiet li kienu jeżistu fir-raħal tagħna sew fi ftuliti u anki f'żgħożiti li llum spiċċaw għal kollox peress li ż-żminjiet inbidlu u hawn il-kumditajiet sew fid-djar u sew fir-raħal. Dejjem il-bniedem jimxi skond iż-żmien.

Sa qabel l-aħħar gwerra, fir-raħal ħadd ma kellu ilma tal-vit fid-djar u kulħadd kien jinqeda mill-għejjun pubbliċi minn fejn in-nies kienu jmorru jimlew bramel, buqari u affarijiet oħra għax-xorb u tisjir, filwaqt li għall-ħasil ta' l-art u l-ħwejjeġ, kien jintuża ilma tal-bir li kien ikun hemm ġod-djar.

Fir-raħal kien hawn erba' għejjun pubbllċi. Dawn kienu waħda mal-ġenb f'nofs Triq il-Kbira, waħda mal-ġenb fi Triq San Nikola, waħda fil-bidu ta' 'Triq Mons. Catania u oħra fuq id-Dejma, filwaqt li fil-pjazza kien hawn il-pompa li kienet ittella' ilma mill-ġibjun ta' taħt il-pjazza u dawn l-għejjun kienu jintużaw min-nies tar-raħal matul is-snin sa ma beda dieħel l-ilma tal-*main* fid-djar.

Sa l-1947 fir-raħal ma kienx hawn id-dawl elettriku u n-nies kienu jużaw lampi tal-pitrolju biex idawwlu djarhom. It-toroq kienu jiġu mdawwla b'fanali mdendlin mal-ħitan, f'distanza bejniethom. F'dawn il-fanali kien ikun hemm lampi tal-pitrolju li kienu jiġu mixgħulin kull fil-għaxija minn raġel li kien inkarigat mill-Gvern biex jieħu ħsieb inaddaf, bil-pitrolju u jixgħel u jitfi kuljum.

Dawn il-fanali kienu mezz biex it-toroq mudlama tar-raħal kienu jiġu mdawwla u hekk iwensu lin-nies fi djarhom matul il-lejl. F'xi maltempati fix-xitwa mhux l-ewwel darba li ċerti fanali kienu jintfew bir-riħ qawwi.

Dari niftakar li kien jiġi wieħed bil-karrettun, bil-ħmar, li kellu speċi ta' kaxxa mdaqqsa b'mola fuqha u dan kien isinn kull tip ta' skieken, imwies, mqassijiet u anki xi għodod żgħar li kienu jġibulu. Dan ir-raġel kien idur mat-toroq tar-raħal jgħajjat l-għajta tiegħu u n-nies joħorġu minn djarhom u jeħdulu dawk l-affarijiet li jkunu jridu jiġu misnuna u jħallsuh tax-xogħol li jagħtuh.

Niftakar ukoll li fir-raħal kien jiġi l-landier li kont issibu f'xi kantuniera jarma dak kollu li kien ikollu bżonn, iqabbad l-ispiritiera u jpoġġi fuqha s-saldatur u meta n-nies jarawh, malajr tiġri l-aħbar mar-raħal li ġie l-landier u n-nies iġġib dawk l-affarijiet li kien ikollha għat-tiswija bħall-borom, kzazel, stanjati, banjijiet tal-ħwejjeġ u ħafna affarijiet oħra, u dan il-landier kien isewwi kull ma kienu jeħdulu u wara jitħallas tax-xogħol li jkun għamel u hekk il-poplu kien jinqeda malajr.

Kull filgħaxija kien jiġi ġuvnott b'xi xkejjer fuq spalltu, ibiegħ il-karawett, ċiċri u ful inkaljati, u dan kien idur mat-toroq tar-raħal jgħajjat b'li jkollu u n-nies meta kienet tisimgħu, kienet toħroġ tixtri. Kien jidħol fil-ħwienet tax-xorb u fil-każin u dawk l-irġiel li kienu jkunu hemm kienu jixtru xi kejla ċiċri, ful jew karawett u dan il-ġuvnott kien jibqa' jdur u jgħajjat sa ma jirnexxielu jbiegħ dak li jkollu u b'hekk jaqdi n-nies u fl-istess ħin kien ikun qala' xi ħaġa tal-flus tax-xogħol li jkun għamel.

Fir-raħal kien jiġi wkoll raġel jixtri t-tjur u dan kellu l-għajta tiegħu li kienet hekk: "X'se tbiegħħuli?". Dan ir-raġel kien idur mar-raħal u dawk li kien ikollhom xi tiġieg li ma kienx ikollhom bżonnhom kienu jgħajtulu u jagħtuh dawk it-tiġieġ, u dan, wara li jarahom u jara li jgħoddu għalih, kien joffri prezz u jekk ikun jaqbel għan-nies, kienu jikkurdaw u jħallas ta' li jkun xtara.

Dan ir-raġel kien ikun jifhem u n-nies kienu

jistaqsuh dwar mard ta' tiġieġ u fniek u dan kien jgħidilhom x'għandhom jagħmlu. Dan ir-raġel ġeneralment kien jiġi r-raħal kull ħmistax biex jixtri.

Fi tfuliti t-toroq tar-raħal kienu jkunu magħmulin minn żrar imballat u mħaffrin, kollha għadajjar fix-xitwa u ma l-inqas buffura riħ, dan iż-żrar kien itir ma' kullimkien. Fis-sajf kien jiġi wieħed bil-karrettun u biż-żiemel, li kien ikollu bettija kbira ta' l-injam, minduda fuq il-karrettun u li kienettkun mimlija bl-ilma. Fuq wara din kien ikollha manku twil u bil-bexxiexa fit-tarf tal-manku. Magħha kien ikun hemm marbut ħabel u dan il-habel kien iżommu raġel u waqt li tal-karrettun ikun miexi, ir-raħel ta' wara jiftaħ l-ilma u dan ixengel il-manku bil-bexxiexa 'l hemm u 'l hawn u jbexx it-toroq u b'hekk iraqqad it-trab u fl-istess ħin jiffriska ftit it-toroq li jkunu jikwu bis-sħana tax-xemx.

Niftakar il-bdiewa fis-sajf kienu jagħmlu l-qiegħa biex jidirsu u jderru l-qamħ. Il-qiegħa kienet tkun fit-tond f'nofs xi għalqa u mdawwra bil-qatgħet tat-tiben ta' l-oħxon u fuq ġewwa kien jixtered il-qamħ biz-zkuk tiegħu filwaqt li l-bidwi kien idur bil-bhejjem madwar il-qiegħa biex bl-istess irfis tal-ħmir il-qamħ joħroġ miż-żbul u t-tiben jibqa' fil-wiċċ. Meta l-qamħ kollu jkun separat miż-żbul u t-tiben jieħdu d-dris u jderru bil-midra u wara li t-tiben ikun imwarrab minn fuq il-qiegħa, il-bdiewa kienu jiġbru l-qamħ u jsir l-għarbiel minn tliet għeriebel differenti u wara l-qamħ kien jintefa fi xkejjer u jinħażen fir-razzett sa ma jinbiegħ.

Ta' tfal li konna, mhux l-ewwel darba li konna mmorru nagħmlu l-kutrumbajsi fuq il-qiegħa u dan kien ikun l-għors tagħna.

Żmien twil ilu kien hawn erba' fran fir-raħal li kienu jagħġnu u jaħmu l-ħobż. Dawn il-fran kienu wieħed fi Triq il-Kbira, wieħed fi Sqaq Triq San Nikola, wieħed fi Sqaq ir-Rużarju u l-ieħor fi Triq Mons. Catania ħdejn ħanut ta' l-inbid.

Dawn il-fran kienu jservu bil-ħobż lin-nies tar-raħal u fl-istess ħin kienu jaħmu kull xorta ta' ikel li kienu jeħdulhom in-nies tar-raħal peress li fl-antik ma kienx hawn il-*cookers* li nsibu fid-djar tal-lum u allura n-nies kienu jinqdew bil-fran li kien hawn f'dawk iż-żminijiet.

# RADJU BARTILMEW

Dan ir-Radju ser ixandar fil-Ġimgħa
tal-Festa ta' San Bartilmew
mis-sala tal-Każin tal-Banda.

Fuq dan ir-Radju li ser ikun qed ixandr live,
ser nisimgħu ntervisti, mużika, marċijiet,
storja, programmi għat-tfal u
l-funzjonijiet kollha li ser isiru ġol-knisja.

Għall-programm dettaljat u l-frekwenza
li fuqha ser ikun qed ixandar dan ir-Radju
tkunu tafu żjed 'il quddiem